

# **Linji Gwida dwar il-klassifikazzjoni ta' fondi proprji**

## Introduzzjoni

- 1.1. Dawn il-Linji Gwida huma abbozzati skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (minn hawn 'il quddiem ir-"Regolament EIOPA")<sup>1</sup>.
- 1.2. Dawn il-Linji Gwida huma relatati mal-Artikoli 93 sa 95 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II)<sup>2</sup> kif ukoll mal-Artikoli 69 sa 73, 76, 77, 79 u 82 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni<sup>3</sup>.
- 1.3. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet superviżorji taħt Solvibbiltà II.
- 1.4. L-iskop ta' dawn il-Linji Gwida huwa li jipprovdu gwida dwar kif il-listi ta' elementi ta' fondi proprji u l-karatteristiċi li jiddeterminaw il-klassifikazzjoni għal kull livell għandhom jiġu applikati. Il-Linji Gwida jistabbilixxu wkoll proċeduri relatati mal-klassifikazzjoni tal-fondi proprji inkluża l-approvazzjoni superviżorja minn qabel ta' Elementi mhux fuq il-listi ta' elementi ta' fondi proprji.
- 1.5. L-impriżi għandhom elementi kapitali differenti fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħhom. Ħafna minn dawn se jikkorrispondu għal-listi definiti ta' elementi ta' fondi proprji bażiċi fil-Miżuri ta' Implimentazzjoni, li ma jeħtiġux approvazzjoni superviżorja. Xi wħud, inkluż il-qliġħ imfaddal, se jrin jiġu kkunsidrati fi ħdan ir-riserva ta' rikonċiljazzjoni, li hija element ta' fond proprju uniku. Elementi oħra mhux fuq il-listi għandhom jiġu approvati bħala elementi ta' fondi proprji bażiċi jew anċillari. L-elementi kollha għandhom jiġu vvalutati skont il-karatteristiċi għad-determinazzjoni tal-klassifikazzjoni biex jiġi ġġudikat jekk jikkwalifikawx bħala fondi proprji disponibbli u l-livell xieraq tagħhom.
- 1.6. It-termini tal-arranġament kuntrattwali li jirregolaw l-element ta' fond proprju għandhom jikkonformaw mas-sustanza mhux biss mal-forma speċifikata fis-Solvibbiltà II u għandhom ikunu ċari u mhux ambigwi.
- 1.7. Kapital azzjonarju ordinarju mħallas inkluż il-kont tal-premium tal-azzjonijiet relatat tiegħu, u fondi inizjali mħallsa, il-kontribuzzjonijiet tal-membri jew il-fond proprju bażiku ekwivalenti għall-impriżi mutwi u tat-tip mutwu, għandhom jiffurmaw il-fondi proprji tal-ogħla kwalità li jistgħu jiġu invokati biex jassorbu telf fuq il-bażi ta' negozju attiv. Il-kwalità ta' fondi proprji bħal dawn m'għandhiex tiġi mxekkla.

---

<sup>1</sup> ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48-83

<sup>2</sup> ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1-155

<sup>3</sup> ĠU L 12, 17.01.2015, p. 1-797

- 1.8. L-interpretazzjoni tal-kont tal-premium tal-azzjonijiet għandha tkun ibbażata fuq is-sustanza ekonomika peress li tista' tintuża terminoloġija differenti fil-liġi nazzjonali. Il-kont tal-premium tal-azzjonijiet għalhekk għandu jinftiehem bħala kont separat jew riserva li lejha huma ttrasferiti l-premiums azzjonarji, l-ammont bejn il-valur riċevut u l-valur nominali tas-sehem fil-ħruġ jew il-valur irċevut fil-ħruġ u l-valur rikonoxxut fil-kapital azzjonarju, skont il-liġi nazzjonali.
- 1.9. Il-Linji Gwida jiċċaraw li sabiex l-impriża jżommu dejjem flessibbiltà sħiħa biex iqajmu elementi ta' fondi proprji ġodda, kontijiet ta' membri mutwi subordinati, azzjonijiet privileġġjati mħallsa inkluż il-kont tal-premium tal-azzjonijiet relatati, u passivi subordinati mħallsa m'għandhomx, permezz tal-arranġamenti kuntrattwali tagħhom, jipprevjenu jew jostakolaw li jiġu mqajma fondi proprji ġodda.
- 1.10. Il-fondi proprji għandu jkollhom biżżejjed maturità, jiddependi fuq il-livell li huma kklassifikati fih. Il-Linji Gwida jstabilixxu li dan ir-rekwiżit m'għandux jiġi mxekkel minn opzjonijiet eżerċitabbli qabel ħames snin għall-elementi tal-livelli kollha kif definit fl-Artikolu 94 tas-Solvibbiltà II, irrispettivament minn jekk dawn ikunux relatati ma' bidliet li jinsabu fil-kontroll tal-impriża jew barra minn dan il-kontroll. Filwaqt li r-riakkwist jew xiri lura ta' kwalunkwe element ta' fond proprju huwa permess fuq l-għażla tal-impriża fl-ewwel data possibbli tas-sejħa jew wara din id-data, l-impriża ma għandha toħloq ebda aspettattiva fil-ħruġ li l-element se jinxtara lura, jiġi mifdi jew jiġi kkanċellat qabel il-maturità kuntrattwali tal-element. Peress li ħlas lura jew fidi jista' jkollu impatt sostanzjali fuq il-pożizzjoni tas-solvibbiltà tal-impriża fuq perjodu ta' żmien qasir u medju, ħlas lura jew fidi huwa dejjem soġġett għal approvazzjoni superviżorja. Dan huwa mingħajr preġudizzju għat-trattament ta' tranżazzjonijiet li mhumx meqjusin bħala ħlas lura jew fidi kif deskritt fl-Artikoli 71(2), 73(2) u 77(2) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.
- 1.11. Sabiex jiġi evitat deterjorament f'pożizzjoni ta' solvibbiltà ta' impriża, l-elementi ta' fondi proprji għandhom jipprovdu li l-impriża se jkun kapaċi jżommu l-fondi proprji meta jkun hemm nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza (minn hawn 'il quddiem "RKS") jew jekk ħlas lura jew fidi jirriżultaw f'nuqqas ta' konformità bħal din. Il-Linji Gwida jstabilixxu li dan għandu jkun indipendenti minn kwalunkwe obligazzjoni kuntrattwali jew minn kwalunkwe avviż ta' ħlas lura u fidi partikolari.
- 1.12. Peress li ma jistgħux isiru distribuzzjonijiet jekk ikomplu jdgħajfu l-pożizzjoni tas-solvibbiltà tal-impriża, il-Linji Gwida jstabilixxu li l-mekkaniżmi alternattivi ta' sodisfazzjon ta' kupuni għandhom ikunu permissibbli biss b'mod ristrett, fejn il-kanċellazzjoni tad-distribuzzjonijiet ma tkunx imxekkla u ma jkun hemm l-ebda tnaqqis fil-fondi proprji tal-impriża.
- 1.13. L-arranġamenti maħsuba biex iwaqqfu jew li jeħtieġu ħlasijiet fuq elementi oħra jxekklu l-flessibbiltà sħiħa. Il-Linji Gwida jagħmluha ċara li l-użu ta' twaqqif tad-dividendi, l-iffissar ta' limiti massimi jew it-trażżin tal-livell jew l-ammont ta' distribuzzjonijiet li għandhom isiru fuq l-element imsemmi fl-Artikolu 69(a)(i) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, fi kwalunkwe element ta' fond proprju, irrispettivament mil-livell, li jipprevjenu ħlas fuq elementi tal-Livell 1 huwa

pprojbitt peress li dawn jistgħu jiskoraġġixxu fornituri ġodda ta' fondi proprji u b'hekk jirrappreżentaw xkiel għar-rikapitalizzazzjoni.

- 1.14. Sabiex kwalunkwe mekkaniżmu prinċipali ta' assorbenza tat-telf ikun jista' jilħaq l-iskop tiegħu fil-punt tal-iskattar, it-termini tal-arranġament kuntrattwali għandhom jiġu definiti b'mod ċar u legalment ċert, u jkunu jistgħu jiġu applikati mingħajr dewmien. Il-Linji Gwida jispjegaw li filwaqt li valwazzjoni pożittiva futura hija ġeneralment permessa, dan il-mekkaniżmu m'għandux jippreġudika l-assorbiment tat-telf u għandu jitħalla biss fuq il-bażi tal-profitti ġenerati wara r-restawr tal-konformità mar-RKS.
- 1.15. Filwaqt li kapital azzjonarju ordinarju msejjaħ iżda mhux imħallas jista' jiġi kklassifikat bħala fondi proprji bażiċi tal-Livell 2, sakemm jintlaħqu il-karatteristiċi tal-Livell 2, il-Linji Gwida jipprovdu li dan il-kapital għandu jgħodd biss bħala fondi proprji għal żmien limitat. Dan biex jiġi evitat li jissejjaħ kapital biss għall-iskop tal-issodisfar tar-rekwiżiti ta' klassifikazzjoni ta' fondi proprji mingħajr ebda intenzjoni li l-element jitħallas fiż-żmien dovut.
- 1.16. Dawn il-Linji Gwida jipprovdu wkoll gwida fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mar-RKS. Nuqqas ta' konformità mar-RKS jirriżulta meta l-valur tal-fondi proprji eliġibbli biex ikopru r-RKS ikun inqas mill-ammont tar-RKS. Dan m'għandux jiġi konfuż ma' nuqqas ta' konformità sinifikanti mar-RKS kif definit fl-Artikolu 71(8) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni speċifikament għall-finijiet tal-mekkaniżmi prinċipali ta' assorbiment tat-telf. Nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali Minimu (minn hawn 'il quddiem "RKM") iseħħ meta l-valur tal-fondi proprji eliġibbli biex ikopru r-RKM ikun inqas mill-ammont tar-RKM.
- 1.17. Għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, ġiet żviluppata d-definizzjoni li ġejja:

"Element mhux fuq il-listi" tfisser element ta' fond proprju li mhux inkluż fil-listi stabbiliti fl-Artikoli 69, 72 u 76 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.
- 1.18. Jekk ma jkunux definiti f'dawn il-Linji Gwida, it-termini għandhom jieħdu t-tifsira definita fl-atti legali msemmija fl-introduzzjoni.
- 1.19. Il-Linji Gwida għandhom japplikaw mill-1 ta' April 2015.

## **Taqsimha 1: Elementi tal-Livell 1**

### **Linja Gwida 1 - Kapital azzjonarju ordinarju mħallas u azzjonijiet privileġġjati tal-Livell 1**

- 1.20. Għall-finijiet tal-Artikolu 69(a)(i) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriżi għandhom jidentifikaw kapital azzjonarju ordinarju mħallas skont il-proprjetajiet li ġejjin:
  - (a) l-ishma jinħarġu direttament mill-impriża bl-approvazzjoni minn qabel tal-azzjonisti tagħha jew, meta dan ikun permess skont il-liġi nazzjonali, tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tagħha (minn hawn 'il quddiem l-"AMSB");

- (b) I-ishma jintitolaw lill-proprjetarju għal pretensjoni fuq l-assi residwi tal-impriża fil-każ ta' proċeduri ta' stralċ, li tkun proporzjonata għall-ammont tal-elementi maħruġa, u la hija fissa u lanqas soġġetta għal limitu.

1.21. Meta impriża jkollha aktar minn klassi waħda ta' ishma għandha:

- (a) skont l-Artikolu 71(1)(a)(i) u (3)(a) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, tidentifika d-differenzi bejn il-klassijiet li jipprovdu li klassi waħda tikklassifika qabel oħra jew li joħolqu xi preferenza rigward id-distribuzzjonijiet, u tikkunsidra biss bħala kapital azzjonarju ordinarju tal-Livell 1 il-klassi li tikklassifika wara l-pretensjonijiet l-oħrajn kollha u li ma jkollha ebda drittijiet preferenzjali;
- (b) tikkunsidra kwalunkwe klassi ta' ishma li jikklassifikaw quddiem l-iktar klassi subordinata jew li għandhom karatteristiċi preferenzjali oħrajn li jimpedixxuhom milli jiġu kklassifikati bħala kapital azzjonarju ordinarju tal-Livell 1 skont il-punt (a) bħala li jikkwalifikaw potenzjalment bħala azzjonijiet preferenzjali u jikklassifikaw dawn l-elementi fil-livell rilevanti skont il-karatteristiċi tagħhom.

## **Linja Gwida 2 - Riserva ta' Rikonċiljazzjoni**

1.22. Għall-finijiet tal-Artikolu 70(1)(a) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriża għandhom jinkludu ishma proprji miżmuma kemm direttament kif ukoll indirettament.

1.23. Għall-finijiet tal-Artikolu 70(1)(b) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni:

- (a) l-impriża għandhom jikkunsidraw dividend jew distribuzzjoni bħala prevedibbli sa mhux aktar tard minn meta tiġi ddikjarata jew approvata mill-AMSB, jew il-persuni l-oħrajn li effettivament imexxu l-impriża, irrispettivament minn kwalunkwe rekwiżit għall-approvazzjoni fil-laqgħa ġenerali annwali;
- (b) meta impriża parteċipanti jkollha parteċipazzjoni f'impriża oħra, li jkollha dividend prevedibbli, l-impriża parteċipanti ma għandha tagħmel ebda tnaqqis fir-riserva ta' rikonċiljazzjoni tagħha għal dak id-dividend prevedibbli;
- (c) l-impriża għandhom jikkunsidraw l-ammont ta' f'hasilijiet prevedibbli li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni bħala:
  - (i) l-ammont ta' taxxi li huma prevedibbli u mhumiex diġà rikonoxxuti bħala obligazzjoni fuq il-karta tal-bilanċ tas-Solvibbiltà II;
  - (ii) l-ammont ta' obligazzjonijiet jew ċirkostanzi li jinqalgħu matul il-perjodu ta' rapportar relatat li x'aktarx inaqqsu l-profitti tal-impriża u li għalihom, l-awtorità superviżorja ma tkunx sodisfatta li dawn ikunu ġew maqbuda kif xieraq mill-valutazzjoni tal-assi u l-passivi skont il-Miżuri ta' Implimentazzjoni.

**Linja Gwida 3 - Karatteristiċi tal-Livell 1 li jiddeterminaw l-elementi msemmija fl-Artikolu 69(a)(i), (ii) u (iv) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni**

1.24. Fil-każ ta' element imsemmi fl-Artikolu 69(a)(i), (ii) u (iv) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriża għandhom jikkunsidraw il-karatteristiċi li jistgħu jikkawżaw li l-insolvibbiltà jew li jgħaffu l-proċess tal-impriża biex issir insolventi bħala li jinkludu:

- (a) id-detentur tal-element ta' fond proprju huwa f'pożizzjoni li jagħmel petizzjoni għall-istralċ tal-emittent f'każ li ma jkunux qed isiru distribuzzjonijiet;
- (b) l-element jiġi trattat bħala passiv fejn determinazzjoni li l-passivi ta' impriża jaqbżu l-assi tagħha tikkostitwixxi prova ta' insolwibbiltà skont il-liġi nazzjonali applikabbli;
- (c) id-detentur tal-element ta' fond proprju jista', bħala riżultat ta' kanċellazzjoni ta' distribuzzjoni jew nuqqas milli ssir distribuzzjoni, jingħata l-kapaċità li jikkawża ħlas sħiħ jew parzjali tal-ammont investit, jew li jitlob penali jew kwalunkwe kumpens ieħor li jista' jwassal għal tnaqqis tal-fondi proprji.

**Linja Gwida 4 - Karatteristiċi tal-Livell 1 li jiddeterminaw il-klassifikazzjoni ta' oġġetti msemmija fl-Artikolu 69(a)(i) u (ii) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni**

1.25. Fil-każ ta' element imsemmi fl-Artikolu 69(a)(i) u (ii) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, għall-finijiet tal-wiri tal-karatteristiċi fl-Artikolu 71(3) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni (flessibbiltà sħiħa), l-impriża għandhom:

- (a) jikkunsidraw elementi distribwibbli bħala li jinkludu qligħ miżmum, inkluż profitt għas-sena li li tintemm qabel is-sena ta' distribuzzjoni, u riservi distribwibbli kif definiti skont il-liġi nazzjonali jew mill-istatuti tal-impriża, bit-tnaqqis ta' kwalunkwe telf nett interim għas-sena finanzjarja kurrenti minn qligħ miżmum;
- (b) jiddeterminaw l-ammont ta' elementi distribwibbli fuq il-bażi tal-kontijiet individwali tal-impriża u mhux fuq il-bażi ta' kontijiet konsolidati;
- (c) jirriflettu, fid-determinazzjoni ta' elementi distribwibbli, kwalunkwe restrizzjoni imposta mil-liġi nazzjonali fir-rigward ta' kontijiet konsolidati;
- (d) jiżguraw li t-termini tal-arranġamenti kuntrattwali li jirregolaw l-element ta' fond proprju jew kwalunkwe element ieħor ta' fond proprju ma jillimitawx jew ma jirrestrinġux il-livell jew l-ammont ta' distribuzzjoni li għandha ssir fuq l-element imsemmi fl-Artikolu 69(a)(i) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, inkluż l-iffissar ta' limitu massimu jew ir-restrizzjoni tad-distribuzzjoni għal żero;
- (e) jiżguraw li t-termini tal-arranġament kuntrattwali li jirregolaw l-element ta' fond proprju ma jeħtiġux li ssir distribuzzjoni fil-każ ta' distribuzzjoni fuq kwalunkwe element ta' fond proprju ieħor maħruġ mill-impriża.

1.26. L-impriża għandha tidentifika l-bażi legali għall-kanċellazzjoni ta' distribuzzjonijiet skont l-Artikolu 71(1)(l)(i) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni qabel element jiġi kklassifikat bħala tal-Livell 1.

**Linja Gwida 5 - Karatteristiċi tal-Livell 1 li jiddeterminaw l-elementi msemmija fl-Artikolu 69(a)(iii), (v) u (b) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni**

1.27. Fil-każ ta' element imsemmi fl-Artikolu 69(a)(iii), (v) u (b) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriża għandhom jikkunsidraw karatteristiċi li jistgħu jikkawżaw insolwibbiltà jew iħaffu l-proċess tal-impriża biex issir insolventi bħala li jinkludu:

- (a) id-detentur tal-element ta' fond proprju huwa f'pożizzjoni li jagħmel petizzjoni għall-istralċ tal-emittent f'każ li ma jkunux qed isiru distribuzzjonijiet;
- (b) l-element jiġi ttrattat bħala passiv fejn determinazzjoni li l-passivi ta' impriża jaqbżu l-assi tagħha tikkostitwixxi prova ta' insolwibbiltà skont il-liġi nazzjonali applikabbli;
- (c) it-termini tal-arranġament kuntrattwali li jirregolaw l-element ta' fond proprju jispeċifikaw ċirkostanzi jew kundizzjonijiet li, jekk jiġu ssodisfati, jeħtieġu l-ftuħ tal-insolwibbiltà jew kwalunkwe proċedura oħra li tista' tippreġudika l-kontinwazzjoni tal-impriża jew tan-negozju tagħha bħala negozju avvjat;
- (d) id-detentur tat-titolu relatat ma' element ta' fond proprju jista', bħala riżultat ta' kanċellazzjoni ta' distribuzzjoni, jingħata l-kapaċità li jikkawża ħlas sħiħ jew parzjali tal-ammont investit, jew li jitlob penali jew kwalunkwe kumpens ieħor li jista' jwassal għal tnaqqis ta' fondi proprji.

1.28. Għall-finijiet tal-wiri tal-karatteristiċi fl-Artikolu 71(1)(d) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni (l-assorbiment ta' telf ladarba jkun hemm nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti kapitali u mhux t-tfixkil tar-rikapitalizzazzjoni), l-impriża għandhom jiżguraw li t-termini tal-arranġament kuntrattwali li jirregola l-element ta' fond proprju jew it-termini ta' kwalunkwe arranġament konness:

- (a) ma jipprevenux element ta' fond proprju ġdid jew miżjud maħruġ mill-impriża milli jikklassifika qabel, jew fl-istess grad ta' subordinazzjoni bħal, dak l-element;
- (b) ma jeħtieġux li kwalunkwe element ta' fondi proprji mqajma mill-impriża jkun aktar subordinat fil-fond f'dak l-element f'kundizzjonijiet ta' stress jew f'ċirkostanzi oħrajn fejn jistgħu jkunu meħtieġa fondi proprji addizzjonali;
- (c) ma jinkludux termini li jipprevjenu distribuzzjonijiet fuq elementi oħra ta' fondi proprji;
- (d) ma jeħtieġux li l-element jinbidel awtomatikament f'element li jikklassifika ħafna aktar fl-għoli f'termini ta' subordinazzjoni, f'kundizzjonijiet ta' stress jew f'ċirkostanzi oħrajn fejn jistgħu jkunu meħtieġa fondi proprji, jew bħala riżultat ta' bidliet strutturali li jinkludi fużjoni jew akkwist.

- 1.29. Għall-finijiet tal-wiri tal-karatteristiċi fl-Artikolu 71(1)(f)(ii) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni (ħlas lura jew fidi qabel 5 snin), l-impriża għandhom jiżguraw li l-element ma jinkludix terminu kuntrattwali li jipprovdi opzjoni eżerċitabbli 5 snin qabel id-data tal-ħruġ, inklużi opzjonijiet eżerċitabbli bbażati fuq bidliet mhux previsti li jaqgħu barra mill-kontroll tal-impriża.
- 1.30. Soġġett għas-sodisfazzjon tal-karatteristiċi rilevanti kollha għad-determinazzjoni ta' klassifikazzjoni u għal approvazzjoni superviżorja preliminari, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jikkunsidraw l-arranġamenti bbażati fuq bidliet mhux previsti, li huma barra mill-kontroll tal-impriża u li jwasslu għal tranżazzjonijiet jew arranġamenti li mhumiex meqjusa li huma ħlas lura jew fidi, li jiġu permissi kif previst fl-Artikolu 71(2) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.
- 1.31. Għall-finijiet tal-wiri tal-karatteristiċi fl-Artikolu 71(1)(m) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni (rinunzja ta' kanċellazzjoni ta' distribuzzjonijiet), l-impriża għandhom jiżguraw li:
- (a) kwalunkwe mekkaniżmu alternattiv ta' sodisfazzjon tal-kupuni huwa inkluż biss fit-termini tal-arranġament kuntrattwali li jirregola l-element ta' fond proprju fejn il-mekkaniżmu jissostitwixxi kwalunkwe ħlas tad-distribuzzjoni fi flus kontanti billi jipprovdi għal distribuzzjonijiet biex jiġu solvuti permezz tal-ħruġ ta' kapital azzjonarju ordinarju;
  - (b) kwalunkwe mekkaniżmu alternattiv ta' sodisfazzjon tal-kupuni jikseb l-istess livell ta' assorbiment tat-telf bħall-kanċellazzjoni tad-distribuzzjoni, u ma jkun hemm l-ebda tnaqqis fil-fondi proprji;
  - (c) kwalunkwe distribuzzjoni taħt mekkaniżmu alternattiv ta' sodisfazzjon tal-kupuni sseħħ malli l-awtorità superviżorja tkun eċċezzjonalment irrinunzjat għall-kanċellazzjoni ta' distribuzzjonijiet permezz tal-użu ta' kapital azzjonarju ordinarju mhux maħruġ li jkun diġà ġie approvat jew awtorizzat skont il-liġi nazzjonali jew skont l-istatuti tal-impriża;
  - (d) kwalunkwe mekkaniżmu alternattiv ta' sodisfazzjon tal-kupuni ma jippermettix lill-impriża tuża l-ishma proprji miżmuma bħala riżultat ta' riakkwist;
  - (e) it-termini tal-arranġament kuntrattwali li jirregola l-element ta' fond proprju:
    - (i) jipprovdu għall-operazzjoni ta' kwalunkwe mekkaniżmu alternattiv ta' sodisfazzjon tal-kupuni biex ikun soġġett għal rinunzja eċċezzjonali mill-awtorità superviżorja skont l-Artikolu 71(1)(m) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni f'kull okkażjoni li l-kanċellazzjoni tad-distribuzzjoni tkun meħtieġa;
    - (ii) ma jobbligawx lill-impriża topera kwalunkwe mekkaniżmu alternattiv ta' sodisfazzjon tal-kupuni.



- 1.32. Għall-finijiet tal-wiri tal-karatteristiċi fl-Artikolu 71(4) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni (flessibbiltà sħiħa fuq id-distribuzzjonijiet), l-impriża għandhom jiżguraw li t-termini tal-arranġament kuntrattwali li jirregolaw l-element ta' fond proprju:
- (a) ma jeħtiġux li jsiru distribuzzjonijiet fuq l-element fil-każ li ssir distribuzzjoni fuq kwalunkwe element ta' fond proprju ieħor maħruġ mill-impriża;
  - (b) ma jeħtiġux li l-ħlas tad-distribuzzjonijiet jiġi kkanċellat jew prevenut fuq kwalunkwe element ta' fond proprju ieħor tal-impriża fil-każ li ma ssir ebda distribuzzjoni fir-rigward ta' dak l-element;
  - (c) ma jorbtux il-ħlas tad-distribuzzjonijiet ma' kwalunkwe avveniment jew tranżazzjoni oħra li jkollha l-istess effett ekonomiku bħall-punti (a) jew (b).
- 1.33. Għall-finijiet tal-wiri tal-karatteristiċi fl-Artikolu 71(1)(e), (5), (6) u (8) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni (mekkaniżmi prinċipali ta' assorbiment tat-telf), l-impriża għandhom jiżguraw li:
- (a) il-mekkaniżmu ta' assorbiment telf, inkluż il-punt tal-iskattar, huwa definit b'mod ċar fit-termini tal-arranġament kuntrattwali li jirregola l-element ta' fond proprju u jkun legalment ċert;
  - (b) il-mekkaniżmu ta' assorbiment tat-telf jista' jkun effettiv fil-punt tal-iskattar, mingħajr dewmien u irrispettivament minn kwalunkwe rekwiżit ta' notifika lid-detenturi tal-element;
  - (c) kwalunkwe mekkaniżmu ta' valwazzjoni negattiva li ma jippermettix valwazzjoni pożittiva fil-futur għandu jipprovdi li l-ammonti li jingħataw valwazzjoni negattiva skont l-Artikolu 71(5)(a) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni ma jistgħux jiġu restawrati;
  - (d) kwalunkwe mekkaniżmu ta' valwazzjoni negattiva li jippermetti għal valwazzjoni pożittiva fil-futur ta' ammont nominali jew prinċipali jipprovdi li:
    - (i) valwazzjoni pożittiva tiġi permessa biss wara li l-impriża tkun kisbet konformità mar-RKS;
    - (ii) valwazzjoni pożittiva ma tkunx attivata b'referenza għal elementi ta' fondi proprji maħruġa jew miżjuda sabiex tkun restawrata l-konformità mar-RKS;
    - (iii) valwazzjoni pożittiva sseħħ biss fuq il-bażi ta' profitti li jikkontribwixxu għall-elementi distribwibbli magħmulin wara r-restawr tal-konformità mar-RKS b'mod li ma jxekklix l-assorbiment tat-telf maħsub skont l-Artikolu 71(5) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni;
  - (e) kwalunkwe mekkaniżmu ta' konverżjoni jipprovdi li:

- (i) il-bażi li fuqha l-garanzija relatata ma' element ta' fond proprju tinbidel f'kapital azzjonarju ordinarju malli jkun hemm nuqqas ta' konformità sinifikanti mar-RKS hija speċifikata b'mod ċar fit-termini tal-arranġament kuntrattwali li jirregola t-titolu;
- (ii) it-termini tal-konverżjoni ma jikkumpensawx bis-sħiħ l-ammont nominali ta' impriża billi jippermettu rata ta' konverżjoni mhux limitata fil-każ ta' tnaqqis fil-prezz tal-ishma;
- (iii) fl-ispeċifikazzjoni ta' medda li l-istrumenti se jinbidlu fiha, in-numru massimu ta' ishma li d-detentur tat-titolu jista' jirċievi huwa ċert fiż-żmien tal-ħruġ tat-titolu, soġġett biss għal aġġustamenti biex jirriflettu xi qsim ta' ishma li jseħħ wara l-ħruġ ta' dawk l-istrumenti;
- (iv) il-konverżjoni se tirriżulta f'sitwazzjoni fejn it-telf jiġi assorbit fuq il-bażi ta' negozju attiv u l-elementi tal-fondi proprji li jirriżultaw bħala riżultat tal-konverżjoni ma jfixklux ir-rikapitalizzazzjoni;

1.34. Meta l-impriżi jkollhom elementi ta' fondi propji b'mekkaniżmi ta' konverżjoni, huma għandhom jiżguraw li diġà jkunu ġew awtorizzati ishma suffiċjenti skont il-liġi nazzjonali jew l-istatuti tal-impriża, sabiex l-ishma jkunu disponibbli għal ħruġ fejn meħtieġ.

**Linja Gwida 6 - Karatteristiċi tal-Livell 1 li jiddeterminaw il-klassifikazzjoni tal-elementi msemmija fl-Artikolu 69(a)(i), (ii), (iii), (v) u (b) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni - disponibbiltà immedjata biex jiġi assorbit it-telf**

1.35. Fil-każ ta' element imsemmi fl-Artikolu 69 (a)(i), (ii), (iii), (v) u (b) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriżi għandhom jikkunsidraw biss element bħala immedjatament disponibbli biex jassorbi t-telf, jekk l-element jiġi mħallas u ma jkunx hemm kundizzjonijiet jew kontinġenzi fir-rigward tal-kapaċità tiegħu li jassorbi t-telf.

**Linja Gwida 7 - Karatteristiċi tal-Livell 1 li jiddeterminaw il-klassifikazzjoni ta' elementi msemmija fl-Artikolu 69(a)(i), (ii), (iii), (v) u (b) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni - ħlas lura jew fidi fuq l-għażla tal-impriża**

1.36. Fil-każ ta' element imsemmi fl-Artikolu 69(a)(i), (ii), (iii), (v) u (b) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, għall-finijiet tal-wiri tal-karatteristiċi fl-Artikolu 71(1)(h) u (i) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriżi għandhom:

- (a) jiżguraw li t-termini tal-arranġament legali jew kuntrattwali li jirregolaw l-element, jew kwalunkwe arranġament relatat, ma jipprovdu ebda inċentiv għall-fidi kif stipulat fil-Linja Gwida 19;
- (b) ma joħolqu ebda aspettattiva fil-ħruġ li l-element se jiġi mifdi jew ikkanċellat, u t-termini legali jew kuntrattwali li jirregolaw l-element tal-fond proprju lanqas ma għandu jkun fihom xi terminu li jista' jwassal għal tali aspettattiva.

- 1.37. L-impriżi għandhom jittrattaw l-element bħala mħallas lura jew mifdi mid-data ta' avviż lid-detenturi tal-element jew, jekk ma jkun meħtieġ ebda avviż, id-data tal-approvazzjoni superviżorja, u għandhom jeskludu l-element mill-fondi proprji minn dik id-data.
- 1.38. Fil-każ ta' element imsemmi fl-Artikolu 69(a)(iii), (v) u (b) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, għall-finijiet tal-wiri tal-karatteristiċi fl-Artikolu 71(1)(j) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni (sospensjoni ta' ħlas lura jew fidi), l-impriżi għandhom jiżguraw li t-termini tal-arranġament kuntrattwali li jirregolaw l-element ta' fond proprju jinkludu provvedimenti għas-sospensjoni tal-ħlas lura jew tal-fidi tal-element fi kwalunkwe punt, inkluż meta l-avviż tal-ħlas lura jew tal-fidi ma jkunx ingħata wara rinunzja eċċezzjonali kif deskritta fil-Linja Gwida 15, fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mar-RKS jew jekk il-ħlas lura jew il-fidi jirriżulta f'tali nuqqas ta' konformità.
- 1.39. Għal impriżi li ssospendew ħlas lura jew fidi skont l-Artikolu 71(1)(j) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-azzjonijiet sussegwenti tal-impriżi għandhom jiffurmaw parti mill-pjan ta' rkupru msemmi fl-Artikolu 138 tas-Solvibbiltà II.

### **Linja Gwida 8 - Opportunitajiet kuntrattwali għall-fidi u l-marġini xieraq**

- 1.40. Fil-każ ta' talba għal approvazzjoni superviżorja ta' ħlas lura jew fidi ta' bejn 5 u 10 snin wara d-data tal-ħruġ skont l-Artikolu 71(1)(g) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriżi għandhom juru kif ir-RKS se jinqabeż b'marġini xieraq wara l-ħlas lura jew il-fidi għall-perjodu tal-pjan tiegħu ta' ġestjoni tal-kapital fuq terminu medju jew, jekk itwal, għall-perjodu bejn id-data tal-fidi jew ħlas lura u 10 snin wara d-data tal-ħruġ.
- 1.41. Fil-valutazzjoni ta' jekk marġini huwiex xieraq l-awtorità superviżorja għandha tikkunsidra:
- (a) il-pożizzjoni ta' solvibbiltà kurrenti u pproġettata tal-impriża, b'kunsiderazzjoni tal-ħlas lura jew il-fidi propost u kwalunkwe fidi u ħlas lura jew ħruġ propost ieħor;
  - (b) il-pjan tal-ġestjoni tal-kapital tal-impriża fuq terminu medju u Valutazzjoni Interna tar-Riskju u s-Solvenza (minn hawn 'il quddiem "ORSA");
  - (c) il-volatilità tal-fondi proprji tal-impriża u r-RKS b'kunsiderazzjoni għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti fin-negozju tal-impriża;
  - (d) kemm l-impriża għandha aċċess għal sorsi esterni ta' fondi proprji u l-impatt tal-kundizzjonijiet tas-suq fuq il-kapaċità tal-impriża biex iżidu l-fondi proprji.

### **Taqsim 2: Element tal-Livell 2**

#### **Linja Gwida 9 - Lista ta' elementi ta' fondi proprji tal-Livell 2**

- 1.42. Fil-każ ta' elementi msemmijin fl-Artikolu 72(a)(i), (ii) u (iv) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriżi għandhom jiżguraw li:

- (a) il-perjodu ta' żmien bejn is-sejħa lill-azzjonisti jew membri biex iħallsu u l-ħlas tal-element, ma jkunx itwal minn tliet xhur. Matul dan iż-żmien, l-impriża għandhom jikkunsidraw li l-fondi proprji jkunu msejħin iżda mhux imħallsa u għandhom jikklassifikawhom bħala fondi proprji bażiċi tal-Livell 2 sakemm il-kriterji rilevanti l-oħrajn kollha jiġu ssodisfati;
- (b) għal elementi li huma msejħin iżda mhux imħallsa, l-azzjonist jew membru li jippossjedi l-element xorta jibqa' obligat li jħallas l-ammont pendenti f'każ li l-impriża ssir insolventi jew tidħol fi proċeduri ta' stralċ, u li l-ammont ikun disponibbli biex jassorbi t-telf.

### **Linja Gwida 10 - Karatteristiċi tal-Livell 2 għad- determinazzjoni tal-klassifikazzjoni**

- 1.43. Fil-każ tal-elementi msemmijin fl-Artikolu 72(a)(i) u (ii) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, għall-impriża li jiddeterminaw il-klassifikazzjoni skont l-Artikolu 73(1)(b) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, il-paragrafu 1.24 tal-Linja Gwida 3 japplika *mutatis mutandis*.
- 1.44. Fil-każ ta' elementi msemmijin fl-Artikolu 72(a)(iii), (iv) u (b) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, għal impriża li jiddeterminaw klassifikazzjoni skont l-Artikolu 73(1)(b) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, il-paragrafu 1.27 tal-Linja Gwida 5 japplika *mutatis mutandis*.
- 1.45. Għall-finijiet tal-wiri tal-karatteristiċi fl-Artikolu 73(1)(c) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni (ħlas lura jew fidi qabel ħames snin), l-impriża għandhom jiżguraw li l-arranġament kuntrattwali li jirregola l-element ta' fond proprju ma jinkludix terminu kuntrattwali li jipprovdi opzjoni eżerċitabbli qabel ħames snin mid-data tal-ħruġ, inklużi opzjonijiet eżerċitabbli bbażati fuq bidliet mhux previsti li mhumieq fil-kontroll tal-impriża.
- 1.46. Soġġett għas-sodisfazzjon tal-karatteristiċi rilevanti kollha għad-determinazzjoni tal-klassifikazzjoni u għal approvazzjoni superviżorja preliminari, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jikkunsidraw l-arranġamenti f'każijiet ta' bidliet mhux previsti li mhumieq fil-kontroll tal-impriża u dan iwassal biex tranżazzjonijiet jew arranġamenti li mhumieq meqjusa li huma ħlas lura jew fidi, jiġu permessi kif previst fl-Artikolu 73(2) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.
- 1.47. Għall-finijiet tal-wiri tal-karatteristiċi fl-Artikolu 73(1)(e) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni (inċentivi limitati għall-fidi), l-impriża għandhom jinkludu biss fit-termini kuntrattwali tal-arranġament li jirregola l-element ta' fond proprju jew kwalunkwe arranġament konness, inċentivi limitati għall-fidi kif stipulat fil-Linja Gwida 19.
- 1.48. L-impriża għandhom jittrattaw elementi ta' fondi proprji bażiċi tal-Livell 2 bħala ħlas lura jew fidi mid-data tal-avviż lid-detenturi tal-element jew, jekk ma jkunx meħtieġ avviż, id-data tal-approvazzjoni superviżorja, u jeskludu l-element mill-fondi proprji minn dik id-data.
- 1.49. L-impriża għandhom jiżguraw li t-termini tal-arranġament kuntrattwali li jirregolaw l-element ta' fond proprju:

- (a) għall-finijiet tal-wiri tal-karatteristiċi fl-Artikolu 73(1)(f) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni (sospensjoni ta' ħlas lura jew fidi), jinkludu provvedimenti għas-sospensjoni tal-ħlas lura jew il-fidi tal-element fi kwalunkwe punt, inkluż meta l-avviż tal-ħlas lura jew il-fidi jkun ingħata fid-data tal-maturità finali tal-istrument li ma jkunx isegwi rinunzja eċċezzjonali kif deskritt fil-Linja Gwida 15, fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mar-RKS jew jekk il-ħlas lura jew il-fidi jirriżulta f'tali nuqqas ta' konformità;
- (b) għall-finijiet tal-wiri tal-karatteristiċi fl-Artikolu 73(1)(g) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni (differiment tad-distribuzzjonijiet), jinkludu provvedimenti għad-differiment ta' distribuzzjonijiet fi kwalunkwe punt fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mar-RKS jew jekk id-distribuzzjoni tirriżulta f'tali nuqqas ta' konformità.

1.50. Għal impriżi li jkunu ssospendew ħlas lura jew fidi skont l-Artikolu 73(1)(f) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-azzjonijiet sussegwenti tal-impriżi għandhom jiffurmaw parti mill-pjan ta' rkupru msemmi fl-Artikolu 138 tas-Solvibbiltà II.

### **Taqsim 3: Elementi tal-Livell 3**

#### **Linja Gwida 11 - Karatteristiċi għad-determinazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-Livell 3**

- 1.51. Għal impriżi li jiddeterminaw il-klassifikazzjoni skont l-Artikolu 77(1)(b) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, il-paragrafu 1.27 tal-Linja Gwida 5 japplika *mutatis mutandis* għall-elementi ta' fondi proprji bażiċi tal-Livell 3.
- 1.52. Għall-finijiet tal-wiri tal-karatteristiċi fl-Artikolu 77(1)(c) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni (ħlas lura jew fidi qabel ħames snin), l-impriżi għandhom jiżguraw li l-arranġament kuntrattwali li jirregolaw l-element ma jinkludix terminu li jipprovdi għal opzjoni eżerċitabbli qabel id-data ta' maturità maħsuba, inklużi opzjonijiet eżerċitabbli bbażati fuq bidliet mhux previsti li mhumiex fil-kontroll tal-impriża.
- 1.53. Soġġett għas-sodisfazzjon tal-karatteristiċi rilevanti kollha għad-determinazzjoni tal-klassifikazzjoni u għal approvazzjoni superviżorja preċedenti, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jikkunsidraw l-arranġamenti bbażati fuq bidliet mhux previsti li mhumiex fil-kontroll tal-impriża u li jwasslu biex tranżazzjonijiet jew arranġamenti li mhumiex meqjusin li huma ħlas lura jew fidi jkunu permessi, kif previst fl-Artikolu 77(2) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.
- 1.54. Għall-finijiet tal-wiri tal-karatteristiċi fl-Artikolu 77(1)(e) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni (inċentivi limitati għall-fidi), l-impriżi għandhom jinkludu biss it-termini kuntrattwali tal-arranġament li jirregola l-element ta' fond proprju jew kwalunkwe inċentiv ta' arranġament konness limitat għall-fidi kif stipulat fil-Linja Gwida 19.

- 1.55. L-impriżi għandhom jittrattaw l-elementi ta' fondi proprji bażiċi tal-Livell 3 bħala mħallsa lura jew mifdija mid-data ta' avviż lid-detenturi tal-element jew jekk ma jkun meħtieġ ebda avviż, id-data ta' approvazzjoni superviżorja, u għandhom jeskludu l-element mill-fondi proprji minn dik id-data.
- 1.56. Fil-każ ta' element imsemmi fl-Artikolu 76(a)(i), (ii) u (b) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriżi għandhom jiżguraw li t-termini tal-arranġament kuntrattwali li jirregolaw l-element ta' fond proprju:
- (a) għall-finijiet tal-wiri tal-karatteristiċi fl-Artikolu 77(1)(f) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, jinkludu provvedimenti għas-sospensjoni tal-ħlas lura jew tal-fidi tal-element fi kwalunkwe punt, inkluż meta l-avviż ta' ħlas lura jew fidi jkun ingħata jew fid-data tal-maturità finali tal-istrument li ma tkunx wara rinunzja eċċezzjonali kif deskritt fil-Linja Gwida 15, fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mar-RKS jew jekk il-ħlas lura jew il-fidi jirriżulta f'tali nuqqas ta' konformità.
  - (b) għall-finijiet tal-wiri tal-karatteristiċi fl-Artikolu 77(1)(g) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, jinkludu provvedimenti għad-differiment ta' distribuzzjonijiet fi kwalunkwe punt fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mar-RKS jew jekk id-distribuzzjoni tirriżulta f'tali nuqqas ta' konformità.
- 1.57. Għal impriżi li ssospendew ħlas lura jew fidi skont l-Artikolu 77(1)(f) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-azzjonijiet sussegwenti tal-impriżi għandhom jiffurmaw parti mill-pjan ta' rkupru msemmi fl-Artikolu 138 tas-Solvibbiltà II.

#### **Taqsimha 4: L-elementi kollha ta' fondi proprji bażiċi**

##### **Linja Gwida 12 - Ħlas lura jew fidi**

- 1.58. Għall-finijiet tal-wiri tal-karatteristiċi fl-Artikolu 71, l-Artikolu 73 u l-Artikolu 77 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriżi għandhom jikkunsidraw ħlas lura jew fidi biex jinkludu ħlas lura, fidi, riakkwist jew xiri lura ta' kwalunkwe element ta' fond proprju jew kwalunkwe arranġament ieħor li għandu l-istess effett ekonomiku. Dan jinkludi xiri lura ta' ishma, operazzjonijiet ta' offerti, pjanijiet ta' riakkwist u ħlas lura tal-prinċipal fil-maturità għall-elementi datati kif ukoll ħlas lura jew fidi wara l-eżerċizzju ta' opzjoni eżerċitabbli tal-emittent. Dan huwa mingħajr preġudizzju għat-trattament ta' tranżazzjonijiet li mhumiex meqjusin bħala ħlas lura jew fidi kif deskritt fl-Artikoli 71(2), 73(2) u 77(2) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.

##### **Linja Gwida 13 - Impedimenti**

- 1.59. Għall-finijiet tal-wiri tal-karatteristiċi fl-Artikoli 71(1)(o), 73(1)(i) u 77(1)(h) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriżi għandhom:
- (a) jivvalutaw jekk element ta' fond proprju huwiex gravat fuq il-bażi tal-effett ekonomiku tal-gravami u n-natura tal-oġġett, bl-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sustanza fuq il-forma;
  - (b) jikkunsidraw impedimenti bħala li jinkludu, iżda mhux limitati għal:

- (i) drittijiet ta' tpaċija;
  - (ii) restrizzjonijiet;
  - (iii) imposti jew garanziji;
  - (iv) żamma ta' elementi ta' fondi proprji tal-impriża
  - (v) l-effett ta' tranżazzjoni jew grupp ta' tranżazzjonijiet konnessi li għandhom l-istess effett bħal kwalunkwe mill-punti (i) sa (iv);
  - (vi) l-effett ta' tranżazzjoni jew grupp ta' tranżazzjonijiet konnessi li inkella jxekklu l-kapaċità tal-element biex jissodisfa l-karatteristiċi li jiddeterminaw il-klassifikazzjoni bħala element ta' fond proprju;
- (c) jikkunsidraw gravami li jirriżulta minn tranżazzjoni jew grupp ta' tranżazzjonijiet li huwa ekwivalenti għaż-żamma tal-ishma proprji inkluż il-każ fejn l-impriża żżomm l-elementi ta' fondi proprji tagħha tal-Livell 1, Livell 2 jew Livell 3.
- 1.60. Meta l-gravami jkun ekwivalenti għaż-żamma ta' ishma proprji, l-impriżi għandhom inaqqsu r-riserva ta' rikonċiljazzjoni bl-ammont tal-element gravat.
- 1.61. Meta jiġi ddeterminat it-trattament ta' element ta' fond proprju li huwa ggravat skont l-Artikolu 71(1)(o), 73(1)(i) jew 77(1)(h) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, iżda l-element flimkien mal-gravami juri l-karatteristiċi meħtieġa għal livell aktar baxx, l-impriżi għandhom:
- (a) jidentifikaw jekk l-element iggravat huwiex inkluż fil-listi ta' elementi ta' fondi proprji għal-livell il-baxx fl-Artikoli 72 u 76 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni;
  - (b) jikklassifikaw element inkluż fil-listi skont il-karatteristiċi xierqa għad-determinazzjoni tal-klassifikazzjoni fl-Artikoli 73 u 77 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni;
  - (c) ifittxu l-approvazzjoni tal-awtorità superviżorja biex jikklassifikaw kwalunkwe element li ma jkunx inkluż fil-listi skont l-Artikolu 79 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.
- 1.62. Jekk element ikun gravat sal-punt li ma jibqax juri l-karatteristiċi li jiddeterminaw il-klassifikazzjoni, l-impriżi m'għandhomx jikklassifikaw l-element bħala ta' fondi proprji.

#### **Linja Gwida 14 - Opzjonijiet eżerċitabbli bbażati fuq bidliet mhux previsti**

- 1.63. L-impriżi għandhom jikkunsidraw bidliet mhux previsti li ma jaqgħux fil-kontroll tagħhom, imsemmija fil-paragrafi 1.29, 1.30, 1.45, 1.46, 1.52 u 1.53, bħala li jinkludu:
- (a) bidla fil-liġi jew regolament rilevanti għal element ta' fond proprju tal-impriża fi kwalunkwe ġurisdizzjoni jew l-interpretazzjoni ta' tali liġi jew regolament minn kwalunkwe qorti jew awtorità intitolata biex tagħmel dan;

- (b) bidla fit-trattament fiskali applikabbli, il-klassifikazzjoni regolatorja jew trattament mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-element ta' fond proprju kkonċernat.

### **Linja Gwida 15 - Rinunzja eċċezzjonali ta' sospensjoni ta' ħlas lura jew fidi**

- 1.64. Meta japplikaw għal rinunzja eċċezzjonali tas-sospensjoni ta' ħlas lura jew fidi skont l-Artikoli 71(1)(k)(i), 73(1)(k)(i), u 77(1)(i)(i) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriża għandhom:
- (a) jiddeskrivu l-iskambju jew il-konverżjoni proposta u l-effett tagħha fuq il-fondi proprji bażiċi, inkluż kif l-iskambju jew il-konverżjoni hija prevista fit-termini tal-arranġament kuntrattwali li jirregola l-element ta' fond proprju;
  - (b) juru kif l-iskambju jew il-konverżjoni proposta huma jew jistgħu jkunu konsistenti mal-pjan ta' rkupru meħtieġ skont l-Artikolu 138 tat-Solvibbiltà II;
  - (c) ifittxu l-approvazzjoni superviżorja minn qabel tat-tranżazzjoni skont il-Linja Gwida 18.

### **Linja Gwida 16 - Rinunzja eċċezzjonali ta' kanċellazzjoni jew differiment ta' distribuzzjonijiet**

- 1.65. Meta japplikaw għal rinunzja eċċezzjonali tal-kanċellazzjoni jew differiment ta' distribuzzjonijiet skont l-Artikoli 71(1)(m) u 73(1)(h) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriża għandhom juru kif id-distribuzzjoni tista' ssir mingħajr ma tiddgħajjef il-pożizzjoni tas-solvibbiltà tagħhom u kif jintlaħaq ir-RKM.
- 1.66. Impriża li tfittex rinunzja eċċezzjonali fir-rigward ta' pagament permezz ta' mekkaniżmu alternattiv ta' sodisfazzjon ta' kupuni għandha tqis l-ammont tal-kapital azzjonarju ordinarju li jeħtieġ li jinħareġ, sa liema punt ir-restawr ta' konformità mar-RKS ikun jeħtieġ iż-żieda ta' fondi proprji ġodda, u l-impatt probabbli tal-ħruġ tal-ishma għall-finijiet tal-mekkaniżmu alternattiv ta' sodisfazzjon ta' kupuni fuq il-kapaċità tal-impriża li żżid dawk il-fondi proprji, u għandha tipprovdi tali informazzjoni u analiżi lill-awtorità superviżorja.

### **Linja Gwida 17 - Assorbiment tat-telf prinċipali: konverżjoni**

- 1.67. Fl-applikazzjoni ta' mekkaniżmu prinċipali ta' assorbiment tat-telf fil-forma ta' karatteristika ta' konverżjoni skont l-Artikolu 71(1)(e)(ii) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-AMSB tal-impriża u persuni oħra li effettivament imexxu l-impriża għandhom ikunu konxji tal-impatt li konverżjoni potenzjali ta' strument jista' jkollha fuq l-istruttura kapitali u s-sjieda tal-impriża u għandhom jissorveljaw dan l-impatt bħala parti mis-sistema ta' governanza tal-impriża.



## **Linja Gwida 18 - Approvazzjoni superviżorja ta' ħlas lura u fidi**

- 1.68. Meta impriża tfittex l-approvazzjoni superviżorja ta' ħlas lura jew fidi skont l-Artikoli 71(1)(h), 73(1)(d) u 77(1)(d) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni jew tranżazzjoni li ma titqiesx li tkun ħlas lura jew fidi skont l-Artikoli 71(2), 73(2) u 77(2) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, għandha ttiprovdi lill-awtorità superviżorja bil-valutazzjoni tal-ħlas lura jew fidi b'kunsiderazzjoni:
- (a) kemm tal-impatt kurrenti kif ukoll dak fuq terminu qasir sa medju fuq il-pożizzjoni globali tas-solvibbiltà tal-impriża u kif l-azzjoni hija konsistenti mal-pjan ta' ġestjoni tal-kapital ta' terminu medju tal-impriża u l-ORSA tagħha;
  - (b) il-kapaċità tal-impriża biex iżżid fondi proprji addizzjonali jekk ikunu meħtieġa, b'kunsiderazzjoni għal kundizzjonijiet ekonomiċi usa' u l-aċċess tagħha għas-swieq kapitali u sorsi oħrajn ta' fondi proprji addizzjonali.
- 1.69. Meta impriża tkun qed ttipponi serje ta' ħlasijiet lura jew fidi fuq perjodu ta' żmien qasir, għandha tinforma lill-awtorità superviżorja, li tista' tikkunsidra s-serje ta' tranżazzjonijiet bħala ħaġa waħda pjuttost milli fuq bażi individwali.
- 1.70. Impriża għandha ttipprezenta t-talba għal approvazzjoni superviżorja tliet xhur qabel l-ewwel wieħed minn:
- (a) l-avviż kuntrattwali meħtieġ għad-detenturi tal-element ta' ħlas lura jew fidi;
  - (b) id-data proposta ta' ħlas lura jew fidi.
- 1.71. L-awtoritajiet superviżorji għandhom jiżguraw li l-perjodu ta' żmien li fih issir id-deċiżjoni fuq it-talba għal ħlas lura jew fidi ma jaqbiżx tliet xhur minn meta jirċievi t-talba.
- 1.72. Wara li tirċievi approvazzjoni superviżorja tal-ħlas lura jew il-fidi l-impriża għandha:
- (a) tikkunsidra li huwa permess, iżda mhux obligatorju, li teżerċita kwalunkwe sejħa jew kwalunkwe ħlas lura jew fidi fakultattiv ieħor skont it-termini tal-arranġament kuntrattwali li jirregolaw l-element ta' fond proprju;
  - (b) meta teskludi element trattat bħala mħallas lura jew mifdi b'effett mid-data tal-avviż lid-detenturi tal-element jew jekk ma jkun meħtieġ ebda avviż, id-data tal-approvazzjoni superviżorja, tnaqqas il-kategorija rilevanti tal-fondi proprji u ma tagħmel l-ebda aġġustament jew kalkolu mill-ġdid tar-riserva ta' rikonċiljazzjoni;
  - (c) tkompli timmonitorja l-pożizzjoni tas-solvibbiltà tagħha għal kwalunkwe nuqqas ta' konformità jew nuqqas ta' konformità potenzjali mar-RKS, li jiskatta s-sospensjoni tal-ħlas lura jew tal-fidi matul il-perjodu li jwassal sad-data tal-ħlas lura jew tal-fidi;

- (d) ma tkomplix bil-ħlas lura jew il-fidi jekk dan iwassal għal nuqqas ta' konformità mar-RKS anke jekk l-avviż ta' ħlas lura jew fidi jkun ingħata lid-detenturi tal-elementi. Meta ħlas lura jew fidi jkun għe sospiż f'dawn iċ-ċirkostanzi l-impriża tista' tirrikostitwixxi l-element bħala fondi proprji disponibbli u l-approvazzjoni superviżorja għall-ħlas lura jew il-fidi tiġi rtirata.

### **Linja Gwida 19 - Inċentivi għall-fidi**

- 1.73. Għall-finijiet tal-wiri tal-karatteristiċi fl-Artikoli 71(1)(i), 73(1)(e) u 77(1)(e) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriża għandhom jikkunsidraw inċentivi għall-fidi li mhumiex limitati bħala mhux permessi fi kwalunkwe livell.
- 1.74. L-impriża għandhom jikkunsidraw inċentivi għall-fidi li mhumiex limitati bħala li jinkludu:
- (a) pagament ta' stokk prinċipali flimkien ma' opzjoni eżerċitabbli, fejn pagament ta' stokk prinċipali huwa terminu fl-arranġamenti kuntrattwali li jirregolaw element ta' fond proprju li jeħtieġ lid-detentur tal-element ta' fond proprju jirċievi ishma ordinarji fil-każ li ma tkunx eżerċitata sejħa;
  - (b) konverżjoni obbligatorja flimkien ma' opzjoni eżerċitabbli;
  - (c) żieda fl-ammont prinċipali li huwa applikabbli wara d-data tas-sejħa, flimkien ma' opzjoni eżerċitabbli;
  - (d) kwalunkwe provvediment jew arranġament ieħor li jista' jkun raġonevolment meqjus bħala li jipprovdi bażi ekonomika għall-fidi probabbli tal-element.

### **Linja Gwida 20 - Eliġibbiltà u limiti applikabbli għal-Livelli 1, 2 u 3**

- 1.75. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-fondi proprji eliġibbli skont l-Artikolu 82 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni għar-RKS, l-impriża għandhom:
- (a) jikkunsidraw l-elementi kollha tal-Livell 1 stipulati fl-Artikolu 69(a)(i), (ii), (iv) u (vi) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni kif eliġibbli biex ikopru r-RKS;
  - (b) jikkunsidraw dawk l-elementi ristretti tal-Livell 1 f'eċċess tal-limitu ta' 20 % fl-Artikolu 82(3) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni kif disponibbli bħala fondi proprji bażiċi tal-Livell 2.
- 1.76. Għall-finijiet tal-kalkolu ta' fondi proprji eliġibbli skont l-Artikolu 82 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni għar-RKM, l-impriża għandhom:
- (a) jikkunsidraw l-elementi kollha tal-Livell 1 stipulati fl-Artikolu 69(a)(i), (ii), (iv) u (vi) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni bħala eliġibbli biex ikopru r-RKM;
  - (b) jikkunsidraw dawk l-elementi ristretti tal-Livell 1 f'eċċess tal-limitu ta' 20 % fl-Artikolu 82(3) bħala disponibbli bħala fondi proprji bażiċi tal-Livell 2;
  - (c) jikkunsidraw li l-effett tal-Artikolu 82(2) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni huwa li l-elementi tal-fondi proprji bażiċi tal-Livell 2 huma eliġibbli diment li jkunu inqas minn 20 % tar-RKM.

## **Taqsimha 5: Approvazzjoni tal-valutazzjoni u l-klassifikazzjoni ta' Elementi mhux fuq il-listi**

### **Linja Gwida 21 - Karatteristiċi ġenerali tal-applikazzjoni**

- 1.77. Meta tissottometti talba għall-approvazzjoni skont l-Artikolu 79 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni l-impriża għandha:
- (a) tissottometti applikazzjoni bil-miktub għall-approvazzjoni ta' kull element ta' fond proprju;
  - (b) tissottometti l-applikazzjoni f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn l-impriża għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha, jew f'lingwa li tkun ġiet miftiehma mal-awtorità superviżorja;
  - (c) tapprova l-applikazzjoni fl-AMSB, u tissottometti prova ddokumentata ta' dik l-approvazzjoni;
  - (d) tipprovdi applikazzjoni fil-forma ta' nota ta' trasmissjoni u evidenza ta' sostenn.

### **Linja Gwida 22 - Nota ta' trasmissjoni**

- 1.78. L-impriża għandha tissottometti nota ta' trasmissjoni li tikkonferma li:
- (a) l-impriża temmen li kwalunkwe terminu legali jew kuntrattwali li jirregola l-element ta' fond proprju jew kwalunkwe arranġament konness mhuwiex ambigwu u huwa definit b'mod ċar;
  - (b) filwaqt li tikkunsidra żviluppi probabbli futuri kif ukoll iċ-ċirkostanzi li japplikaw fid-data tal-applikazzjoni, l-impriża tqis li l-element ta' fond proprju bażiku se jkun konformi, f'termini kemm ta' forma legali kif ukoll ta' sustanza ekonomika, mal-kriterji fl-Artikoli 93 u 94 tas-Solvibbiltà II u l-karatteristiċi li jiddeterminaw il-klassifikazzjoni stabbilita fl-Artikoli 71, 73 u 77 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni;
  - (c) ma tħallewx barra fatti li jekk tkun taf bihom l-awtorità superviżorja jstgħu jinfluwenzaw id-deċiżjoni tagħha dwar jekk tapprovax il-valutazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-element ta' fond proprju.
- 1.79. L-impriża għandha telenka wkoll fin-nota ta' trasmissjoni applikazzjonijiet oħrajn sottomessi mill-impriża jew previsti bħalissa fis-sitt xhur li ġejjin għall-approvazzjoni ta' kwalunkwe element elenkat fl-Artikolu 308a(1) tas-Solvibbiltà II flimkien ma' dati ta' applikazzjoni korrispondenti.
- 1.80. L-impriża għandha tiżgura li n-nota ta' trasmissjoni tiġi ffirmata minn persuni awtorizzati biex jiffirmaw f'isem l-AMSB.

### **Linja Gwida 23 - Evidenza ta' sostenn**

- 1.81. L-impriża għandha tipprovdi deskrizzjoni ta' kif il-kriterji fl-Artikoli 93 u 94 tas-Solvibbiltà II u l-karatteristiċi li jiddeterminaw li l-klassifikazzjoni stabbilita fl-Artikoli 71, 73 u 77 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni jkunu ġew sodisfatti inkluż kif l-element se jikkontribwixxi għall-istruttura tal-kapital eżistenti tal-impriża, u

kif l-element jista' jippermetti lill-impriża tissodisfa r-rekwiżiti kapitali eżistenti jew futuri tagħha.

- 1.82. L-impriża għandha tipprovdi deskrizzjoni tal-element ta' fond proprju bażiku, suffiċjenti biex tippermetti lill-awtorità superviżorja tikkonkludi fuq il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-element inklużi t-termini kuntrattwali tal-arranġament li jirregola l-element ta' fond proprju u t-termini ta' kwalunkwe arranġament konness flimkien ma' evidenza li kwalunkwe kontroparti, fejn rilevanti, tkun daħlet fil-kuntratt u kwalunkwe arranġament konness u evidenza li l-kuntratt u kwalunkwe arranġament konness huma legalment vinkolanti u infurzabbli fil-ġuriżdizzjonijiet rilevanti kollha.

#### **Linja Gwida 24 - Proċeduri għall-awtoritajiet superviżorji**

- 1.83. L-awtoritajiet superviżorji għandhom jistabbilixxu proċeduri għall-irċevuta u l-kunsiderazzjoni tal-applikazzjonijiet u l-informazzjoni pprovduta mill-impriżi b'mod konformi mal-Linji Gwida 21 sa 23.

#### **Linja Gwida 25 - Valutazzjoni tal-applikazzjoni**

- 1.84. L-awtoritajiet superviżorji għandhom jikkonfermaw l-irċevuta tal-applikazzjoni.
- 1.85. L-awtoritajiet superviżorji għandhom jikkunsidraw li applikazzjoni kompluta jekk l-applikazzjoni tkopri l-kwistjonijiet kollha stabbiliti fil-Linji Gwida 21 sa 23.
- 1.86. L-awtoritajiet superviżorji għandhom jikkonfermaw jekk l-applikazzjoni hijiex meqjusa kompluta jew le fi żmien debitu, u mill-inqas fi żmien 30 jum mid-data tal-wasla tal-applikazzjoni.
- 1.87. L-awtoritajiet superviżorji għandhom jiżguraw li l-perjodu ta' żmien li fih tiddeċiedi dwar applikazzjoni:
- (a) ikun raġonevoli;
  - (b) ma jaqbiżx tliet xhur mill-wasla ta' applikazzjoni kompluta, sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi eċċezzjonali li huma kkomunikati bil-miktub lill-impriżi fi żmien debitu.
- 1.88. Meta jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali, l-awtoritajiet superviżorji m'għandhomx idumu iktar minn sitt xhur minn meta jirċievu l-applikazzjoni kompluta għal deċiżjoni dwar applikazzjoni.
- 1.89. Jekk meħtieġ għall-valutazzjoni tagħha tal-element ta' fond proprju, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jitolbu aktar informazzjoni mingħand l-impriżi, wara li jkunu kkunsidraw li applikazzjoni hija kompluta. L-awtorità superviżorja għandha tispeċifika l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa u l-motivazzjoni għat-talba. Il-ġranet bejn id-data li fiha l-awtorità superviżorja titlob tali informazzjoni u d-data li fiha l-awtorità superviżorja tirċievi tali informazzjoni m'għandhomx ikunu inklużi fil-perjodi ta' żmien imsemmija fil-paragrafi 1.87 u 1.88.
- 1.90. L-impriża għandha tinforma lill-awtorità superviżorja bi kwalunkwe bidla fid-dettalji tal-applikazzjoni tagħha.

- 1.91. Meta impriża tinforma lill-awtorità superviżorja dwar bidla fl-applikazzjoni tagħha, l-awtorità superviżorja għandha titrattaha bħala applikazzjoni ġdida sakemm:
- (a) il-bidla ma tkunx dovuta għal talba mill-awtorità superviżorja għal aktar informazzjoni; jew
  - (b) l-awtorità superviżorja tkun sodisfatta li l-bidla ma taffettwax il-valutazzjoni tagħha tal-applikazzjoni b'mod sinifikanti.
- 1.92. L-impriżi għandhom ikunu jistgħu jirtiraw applikazzjoni permezz ta' notifika bil-miktub fi kwalunkwe stadju qabel id-deċiżjoni tal-awtorità superviżorja. Jekk l-impriża sussegwentement tissottometti mill-ġdid l-applikazzjoni jew tissottometti talba aġġornata, l-awtorità superviżorja għandha tittrattaha bħala applikazzjoni ġdida.

### **Linja Gwida 26 - Komunikazzjoni tad-deċiżjoni tal-awtoritajiet superviżorji**

- 1.93. Meta l-awtoritajiet superviżorji jkunu laħqu deċiżjoni dwar applikazzjoni, dawn għandhom jikkomunikawha bil-miktub lill-impriżi, fi żmien dovut.
- 1.94. Meta l-awtorità superviżorja tirrifjuta l-applikazzjoni, din għandha tiddikjara r-raġunijiet li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuqhom.

### **Taqsim 6: Arranġamenti transizzjonali**

#### **Linja Gwida 27 - Arranġamenti transizzjonali**

- 1.95. L-impriżi għandhom jivvalutaw l-elementi kollha ta' fondi proprji bażiċi maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2016 jew id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 97 tas-Solvibbiltà II, skont liema jiġi l-ewwel biex jiddeterminaw jekk dawn jurux il-karatteristiċi li jiddeterminaw il-klassifikazzjoni skont l-Artikoli 71 u 73 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni. Fejn tali elementi juru l-karatteristiċi li jiddeterminaw il-klassifikazzjoni bħala tal-Livell 1 jew Livell 2, l-impriżi għandhom jikklassifikaw l-element f'dak il-livell, anke jekk l-element ma jkunx jista' jintuża biex jissodisfa l-marġni disponibbli ta' solvibbiltà skont il-liġijiet, regolamenti u provvedimenti amministrattivi li huma adottati skont id-Direttiva 73/239/KEE, id-Direttiva 2002/13/KE, id-Direttiva 2002/83/KE u d-Direttiva 2005/68/KE.
- 1.96. Meta elementi li huma disponibbli bħala fondi proprji bażiċi skont l-Artikolu 308b(9) jew (10) tas-Solvibbiltà II jiġu skambjati jew mibdula f'elementi ieħor ta' fond proprju bażiku wara l-1 ta' Jannar 2016 jew mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 97, skont liema jiġi l-ewwel, l-impriżi għandhom jikkunsidraw l-element li jinbidel fih, jew li jiġi skambjat minfloku, bħala element ġdid li ma jissodisfax l-Artikolu 308b(9)(a) jew (10)(a) tas-Solvibbiltà II.
- 1.97. L-awtoritajiet superviżorji għandhom jikkunsidraw l-elementi li huma ineliġibbli biss minħabba l-applikazzjoni ta' limiti skont il-liġijiet, ir-regolamenti u provvedimenti amministrattivi li huma adottati skont id-Direttiva 73/239 / KEE, id-Direttiva 2002/13/KE, id-Direttiva 2002/83/KE u d-Direttiva 2005/68/KE,

bħala li jissodisfaw ir-rekwiżiti fl-Artikolu 308b(9)(b) u (10)(b) tas-Solvibbiltà II.

### **Regoli ta' Konformità u ta' Rappurtar**

- 1.98. Dan id-dokument fih Linji Gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament EIOPA. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament EIOPA, l-Awtoritajiet Kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.
- 1.99. L-awtoritajiet kompetenti li jikkonformaw jew li beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida għandhom jintegrawhom fil-qafas regolatorju jew superviżorju tagħhom b'mod xieraq.
- 1.100. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw lill-EIOPA jekk jikkonformawx jew jekk humiex beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, b'raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn wara l-ħruġ tal-verżjonijiet tradotti.
- 1.101. Fin-nuqqas ta' risposta sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati bħala mhux konformi mar-rappurtar u jiġu rrapportati bħala tali.

### **Final Provision on Reviews**

- 1.102. Dawn il-Linji Gwida għandhom jiġu soġġetti għal reviżjoni mill-EIOPA.